KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888,

9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 15, miżmuma nhar it-Tlieta 05 ta' Mejju, 2020 fis-5.30pm ta' fil-għaxija, permezz ta' online u *conference call*. Din il-laqgħa qed saret b'dan il-mezz skont l-Artiklu 3, 4 u 5 ta'Direttiva 2/2020/ COVID-19 maħruġa mid -Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fl'20 ta'Marzu 2020.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Viċi Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Carlos Zarb — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

**15.1 Qari ta' ittri ta' apoloġij**

Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**15.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**Claim Scicluna Calleja – 13/12/2017**

Il-Kunsill qabel li peress li kien għada zmien min meta sar il- claim għandu jintalab parir tal-avukat tal-Kunsill.

**Invoice Mobile App**

Ġie diskuss jekk l-invoice relata ma l-Mobile App għandiex titieħed bħala totali peress li meta ġie kwotat l-amont kien mingħajr VAT. Fil-kwotazjoni ma kienx hemm indikat jekk huwiex bil VAT inkluz jew bil VAT exkluz. Kien spjegat li kont PPN32 l-amont ta' kwotazjonijiet jitqiss bil VAT exkluz.
Il-Kunsill qabel li l-amont jitħallas kif ġiet prezentat l-invoice.

**Tender Non-Urban Grass Cutting SPB T/ 03/2019**

Ġiet prezentata korrispondenza li nbagħtet lil Kunsill mingħand l-avukat ta' kuntrattur li jaħdem fuq xogħol ta' Non Urban Grass Cutting. Dan sostna li peress li ma sarx avviz fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar dan it-tender huwa ma setgħax jikompeti. Tender kien ħareġ fuq Electronic Tendering Procurement Platform.
Fin-nuqqas li l-Kunsill naqas milli jippublika t-tender fil-gazzetta tal-gvern hekk kif tiddetta l-liġi, qiegħed jiġi pproponut li l-Kunsill jimxi mal-parir ta' l-avukat tal-Kunsill, dak li t-tender jiġi rtirat u jerġa' joħroġ.
Il-Kunsill approva.

**Kommunikazjoni min impjegata tal-Kunsill**

Inqrat kommunikazjoni min impjegata tal-Kunsill fejn talbet sabiex taħdem b' teleworking il-gimgħa kollha mid-dar minħabba iċ-cirkostanzi tal-Covid 19 u tfal mhumiex jmorru l-iskola.
Ġie spjegat li l-impjegati tal-uffiċċju aministrattiv qed jaħdmu b'skeda fejn il-ħaddiema qed jattendu 14 il-siegħa fl-uffiċċju u l-kumplament ta' siegħat jinħadmu mid-dar. Peress li xogħol tal-Kunsill huwa dak ta' customer care kien ser ikun difficli biex jingħataw l-erbgħin siegħa jinħadmu kollha mid-dar.
Il-Kunsill qabel li l-impjegati jibqaw jaħdmu minimu ta' erbgħtax il-siegħa għal dawk li għandhom tfal taħt l-eta'. Dan sakemm iċ-cirkostanzi jerġaw lura għan normal.

**15.3 Item: Approvazzjoni ta' Rapport Aministtrativ (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mil-laqgħa ta' qabel)**

Wara li saret diskussjoni dwar il-kontenut ta' rapport aministrattiv is- Sindku u xi Kunsilliera sostnew li skont il fehma tagħhom ir-rapport kien fiħ diversi nuqqasijiet u kellhom issiru emendi. It-tieħed vot dwar l-approvazzjoni tar-rapport;
Kontra: 9
Asstensjonijiet: 4
Favur:0
Ir-rapport ma ġiex approvat
Anness ma Rapport Aministrattiv kien hemm ir-Rapporti ta' dawk il prezentaw rapport tal-ħidma tagħhom.
Saret diskussjoni li dawn għandhom jitieħdu separatamet. Ġie spjegat ili dawn skont il-liġi għandhom ikunu parti mir-rapport kif ġew prezentati.
Is-Sindku u uħud mill-Kunsilliera kienu pprezentaw rapport.

**15.4 Item: Approvazzjoni ta' Rapport Pjan ta'Ħidma 2020-2024 (Sabiex il-Kunsill jiddisponi mix-xogħol li fadal mil-laqgħa ta' qabel)**

Is-Sindku ta' spjega kif ġie mfassal il-Pjan ta' Ħidma
Ir-rapport ġie approvat kif prezentat.

**15.5 Item: SPB LC Quaterly Financial Report Jan-Mar 2020**

Ġie preżentat ir-rapport finanzjarju li jkopri minn Jannar sa Marzu 2020. L-awditura tal-Kunsill ġiet mistidna tspjega dan ir-rapport. Il-Kunsilliera staqsew dwar l-amont ta' Kontribuzjonijiet li irċieva il-Kunsill. Inġibdet l-attenzjoni dwar il-Corporate Social Responsability Scheme u dwar il-fatt li din l-iskema ma ġietx diskussa quddiem il-Kunsill u li l-Kunsilliera saru jafu biha mir-rapport tas-Sindku.
Ir-rapport ġie approvat kif preżentat.

**15.6 Item: Ingaġġ ta' ħaddiema kif approvat waqt Laqgħa tal-Kunsill numru 12- Spjegazzjoni ta' skali abazi S.L 363.20**

Ġie spjegat kif wara kommunikazzjoni li saret mad-Dipartiment tal- Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata permess jinpjega ħaddiema ta' skala 12 u skala 18 kif kien approvat mill Kunsill. Fir-risposta tiegħu id-Dipartiment sostna li ma jistax jinħareġ permess għal skala 12 għaliex il-liġi tar-rizorsi umani tal-Kunsilli lokali S.L 363.20 tipermetti biss skala 16 u 18 ta' ħaddiema li jaħdmu fuq manutenzjoni u tindif.
Il-Kunsill qabel

**15.7 Item: Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi.**

Ittieħed vot fuq Item 382; servizz ta shuttle mini bus service waqt li kienet qed issir xogħol fuq Triq San Pawl
Favur: Sindku Alfred Grima, Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsilliera Paul Bugeja, Mario Salerno, Carlos Zarb, Alfed Bray, Chris Vella Petroni, Anthony Angelo Attard, Stephen Cremona, Anne Marie Fenech.
Asstensjonijiet: Kunsilliera Graziella Galea, Anthony Delia u Antionette Bezzina
Kontra: Ħadd
L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

**15.8 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Laqgħa aġġoranta għal Ħamis 04 ta' Ġunju, 2020 fis 5.30pm

________________ ________________

Alfred Grima
Sindku

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv